MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1635/1996/1

**Simonds Farsons Cisk Ltd.**

**v.**

**Jimmy Cardona**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju 1996, is-socjeta` attrici Simonds Farsons Cisk Ltd. ippremettiet illi bi skrittura li ggib id-data tat-2 ta' Ottubru 1992, Jimmy Cardona, il-konvenut,

obbliga ruhu li jixtri, jahzen u jbiegh xorb u minerali prodotti mis-socjeta` attrici biss u dan fil-hanut tieghu Faces Snack Bar f'Paceville u dan ghaz-zmien mehtieg biex is-somma ta' elf lira moghtija lill-konvenut fuq l-istess skrittura tigi skontata b'*discounts* fuq diversi minerali, *mixers, fruit juices u table water* li jixtri minghand id-ditta attrici. Gie premess ukoll illi qabel ma lahaq skonta l-imsemmija somma, il-konvenut kiser dan il-ftehim li kellu mas-socjeta` attrici, u skond il-klawzola 7 ta' l-imsemmija skrittura l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu, kwantu ghal Lm863.82c bilanc li fadallu jhallas fuq is-somma lilu moghtija, u kwantu ghal elf lira (Lm1,000) danni pre-likwidati skond l-istess ftehim. Premess dan kollu s-socjeta` attrici talbet li (1) l-konvenut jigi dikjarat li kiser l-obbligazzjonijiet imposti fuqu bl-iskrittura tat-2 ta' Ottubru 1992, u (2) konsegwentement jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma msemmija ta' elf tmien mija u tlieta u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,863.82c) dovuti lilha kif fuq spjegat bl-ispejjez.

2. Jimmy Cardona, il-konvenut, ikkontesta l-kawza b'zewg eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni giet sorvolata bil-korrezzjoni li saret fl-att tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni li takkompanjaha, waqt li bit-tieni eccezzjoni tieghu huwa eccepixxa li diga` kien jezisti ftehim ghal *repayment program* in konnessjoni mal-bilanc pendenti bejn il-partijiet, liema ftehim sar mad-distributur tas-socjeta` attrici, u cioe` Stivala Wines and Spirits Company Limited, u l-konvenut qed jaghmel pagamenti regolari ai termini ta' l-imsemmi ftehim.

3. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza b'sentenza moghtija fid-9 ta' Novembru, 2001. Biha, cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kontra taghha, wara li *inter alia* kkunsidrat hekk:
"Il-fatti li wasslu ghal dan il-kaz graw hekk:
"Fit-2 t'Ottubru 1992 sar ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Jimmy Cardona u b'dan il-ftehim il-konvenut intrabat illi minn "*all catering/service points*" tieghu huwa ma jbighx hlief prodotti ta' l-attrici, waqt li l-attrici ntrabtet li

thallsu elf lira (Lm1,000) li tkun skontata ma' *discounts* fuq il-prodotti li tbighlu. Dan ifisser li l-konvenut flok jinghata *discounts* kien ihallas il-prezz shih tal-prodotti izda nghata elf lira (Lm1,000) mill-attrici sabiex din eventwalment tkun pacjuta mad-*discounts* li ma kienx jiehu. Il-ftehim kellu jibqa' jorbot sakemm il-konvenut ikun xtara bizzejjed biex id-*discounts* jitilghu sa elf lira (Lm1,000). Fil-kaz li l-konvenut jonqos milli jhares l-obbligazzjonijiet tieghu taht il-ftehim, huwa jkollu:

a. refund the full amount of the grant paid to them by the Company;
b. pay all the damages incurred by the Company which damages are jointly quantified between both parties to this Agreement in the sum of Lm1000 (one thousand Malta Lira only).

"Minkejja dak li tghid l-ewwel eccezzjoni, ma hux kontestat li dan il-ftehim sar bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut[1]. L-eccezzjoni kienet inghatat ghax, bi zball, ic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni mahlufa ta' l-attrici isemmu *Nightingale Bar and Restaurant*, u *La Lampara*. Wara li saret korrezzjoni b'dikriet tal-5 ta' Marzu 1997[2], ma ghadux mehtieg li nqisu aktar din l-eccezzjoni.
"Gara illi, qabel ma xtara bizzejjed prodotti ta' l-attrici sabiex tkun skontata l-elf lira (Lm1,000) kollha, u meta kien ghadu skonta biss mija u hmistax-il lira u tlittax-il centezmu, il-konvenut ma baqax jixtri prodotti ta' l-attrici ghax kellu jaghlaq il-hanut wara li kien zgombrat mis-sid[3]. L-attrici qieghda tghid illi, ghalkemm ma ghamel ebda ksur iehor tal-ftehim, *i.e.* ma kisirx il-ftehim ta' eskluzività, il-fatt li l-konvenut ma baqax jixtri prodotti taghha sakemm skonta l-elf lira huwa ksur li lilha jaghtiha dritt li mhux biss tiehu lura l-bqija ta' l-elf lira izda li tiehu wkoll il-penali t'elf lira (Lm1,000) ohra[4].
"Il-qorti ma taqbilx ma' l-attrici li n-nuqqas tal-konvenut li jkompli jixtri prodotti taghha sakemm ikun skonta l-elf lira

1 Ara x-xiehda tal-konvenut fis-seduta tas-26 ta' Novembru 1998, *foll.* 43 *et seq.*

2 *Foll.* 8 *et seq.*

3 Ara x-xiehda tal-konvenut fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2000, *fol.* 116.

4 Ara x-xiehda ta' Adrian Tonna fis-seduta tas-26 ta' Novembru 1998, *fol.* 38.

huwa nuqqas li lill-attrici jaghtiha l-jedd li titlob il-hlas tal-penali. L-obbligazzjoni tal-konvenut kienet li ma jixtrix prodotti ta' terzi, u din l-obbligazzjoni harisha. Kif ighid it-tieni patt tal-ftehim, kienet din l-obbligazzjoni negattiva tal-konvenut — u mhux l-obbligazzjoni pozittiva li jixtri l-prodotti ta' l-attrici — il-*causa* ghall-hlas ta' elf lira. Il-fatt li din is-somma kellha tigi pacjuta ma' *discounts* iservi biss bhala kejl ghaz-zmien li fih kellu jibqa' jsehh il-ftehim, *i.e.* l-obbligazzjoni tal-konvenut li ma jixtrix ]lief prodotti ta' l-attrici kellha tibqa' torbot sakemm ikun xtara bizzejjed biex tkun skontata s-somma kollha. Ghalhekk, il-parti tas-somma li baqghet mhix skontata ma tistax titqies imhallsa *sine causa*, appuntu g]ax il-*causa* ma kinitx ix-xirjiet li kellu jaghmel 'il quddiem il-konvenut izda l-obbligazzjoni tieghu li ma jixtrix prodotti ta' terzi — obbligazjoni li, kif rajna, harisha.

"L-Art. 993 tal-Kodici Civili jghid illi "l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi", u l-qorti kienet issib nuqqas min-naha tal-konvenut li kieku ghamel il-ftehim biss biex kiseb l-elf lira u wara ftit ghalaq in-negozju. Fil-kaz tallum, izda, il-konvenut ghalaq in-negozju ghax kien zgumbrat mill-hanut bi proceduri gudizzjarji[5], u ghalhekk biss ma jistax jinghad li kien *in mala fide*.

"Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, la kien hemm ksur ta' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali min-naha tal-konvenut, biex ikun jista' jinghad li ghandu jhallas il-penali, u lanqas ma jista' jinghad li l-bqija ta' l-elf lira qieghda tinzamm mill-konvenut *sine causa*. Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet ta' l-attrici ma jistghux jintlaqghu."

## <u>II L-APPELL</u>

4. Billi s-socjeta` attrici hassitha aggravata minn din is-sentenza hija appellat minnha quddiem din il-Qorti b'rikorsipprezentat fil-21 ta' Novembru, 2001. Wara li spjegat l-aggravji taghha, hija talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u b'hekk tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

5 Ara l-mandat ta' zgumbrament 4211/1994, *foll.* 126 *et seq.*

5. Irrizulta illi l-konvenut Jimmy Cardona gie notifikat kemm bir-rikors ta' l-appell kif ukoll bl-avviz ta' l-appuntament tas-smigh ta' l-istess appell. Madanakollu, huwa naqas li jintavola risposta ta' l-appell kif ukoll naqas li jidher biex jikkontesta l-appell.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. Il-fatti tal-kawza gew tajjeb imfissra fis-sentenza appellata u ghalhekk m'hemmx il-htiega li jigu ripetuti hawnhekk. L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ttrattat u ddecidiet il-kawza fuq binarji li ma gewx trattati fil-kors tal-kawza. Is-socjeta` appellanti qeghda ssostni li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut kienet fis-sens illi huwa kien ammetta li kien ghad fadallu somma x'jirrifondi izda huwa kien qieghed ihallas l-ammont li d-ditta Stivala Wines and Spirits Company Limited, skond arrangament li kien ghamel maghha. Is-socjeta` appellanti ziedet tghid li l-argument li l-konvenut ma kellu jaghti xejn, gie mqanqal biss mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata minghajr ma s-socjeta` attrici nghatat l-opportunita` li tiddibatti dan il-punt. Infatti, x-xiehda li tressqu kienu relatati mat-talba attrici, kif kontestata mill-konvenut. Meta l-ufficjali tad-ditta Stivala Wines and Spirits Company Limited cahdu li huma rcevew xi hlas li ma kienx dovut lilhom, u l-konvenut ma weriex mod iehor, il-konkluzjoni kellha tkun li s-somma bilancjali pretiza mis-socjeta` attrici kellha tithallas minnu.

7. Dan l-argument tas-socjeta` appellanti jidher li hu validu. Ghalkemm fl-ahhar tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut (li tinsab a fol. 201-202 tal-process) huwa jallega li ma kisirx il-ftehim kontenut fl-iskrittura tat-2 ta' Ottubru 1992, u li ghalhekk is-sanzjonijiet msemmija fl-istess skrittura ma kellhomx jiskattaw, madanakollu jidher car illi l-kontestazzjoni tal-konvenut kienet bazata fuq l-unika eccezzjoni fil-meritu li ta l-konvenut, cioe` t-tieni eccezzjoni tieghu. Din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ma tista' thalli ebda dubju li huwa kien qieghed jammetti almenu in parti li kellu jaghti l-bilanc pendenti bejn il-partijiet u li kien qieghed jaghmel il-pagamenti skond ftehim li huwa kien lahaq mad-distributuri tas-socjeta` attrici u cioe` Stivala Wines and Spirits Company Limited.

Infatti, n-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut, diga` msemmija, sostanzjalment tenfasizza li l-ammont imhallas lid-distributuri awtorizzati tas-socjeta` attrici kien jinkorpora wkoll is-somma ta' tmien mija u tlieta u sittin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm863.82c) reklamati mis-socjeta` attrici permezz tal-proceduri odjerni. Fi kliem iehor is-socjeta` appellanti korrettement irrilevat li l-konvenut kien qieghed jallega l-pagament u allura skond gurisprudenza kostanti, l-piz tal-prova li ghamel dan il-pagament tispetta lilu. Id-diretturi tal-kumpaniji ta' Stivala cahdu li huma qatt ircevew flus f'isem is-socjeta` attrici minghand il-konvenut. Huma stqarrew li l-proceduri gudizzjarji li ttiehdu minnhom kontra l-konvenut kienu proceduri ghad-dejn taghhom stess u qatt ma talbu jew ircevew flus dovuti lis-socjeta` attrici. Barra minn hekk irid jinghad li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-konvenut hallas dak dovut lil Farsons lil Stivala, jirrizulta li huwa hallas hazin ghaliex il-ftehim inkorporat fl-iskrittura tat-2 ta' Ottubru 1992, sar mas-socjeta` attrici u ma saret ebda prova li din awtorizzat lil xi hadd iehor li jitlob jew jircevi l-flus f'isimha. Isegwi minn dak li ntqal sa issa li l-ewwel aggravju tas-socjeta` attrici huwa fondat ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti strettament kellha toqghod ghall-eccezzjonijiet li ta l-konvenut u dan ma kienx intitolat li jressaq eccezzjonijiet fl-ahhar tal-kawza tramite noti ta' osservazzjonijiet.

8. Is-socjeta` appellanti tkompli tispjega l-aggravju ulterjuri taghha hekk:
"Mal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, il-konvenut inghata somma flus li kellu obbligu li jiskonta b'xiri tal-prodotti tad-ditta attrici. Huwa waqaf jixtri dawn il-prodotti, izda fl-istess hin zamm il-bilanc. Dan hu zgur arrikiment ingust da parti tieghu, li spicca zamm ghalih somma flus minghajr ma wettaq fis-shih l-obbligazzjoni tieghu. L-ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-kawza tal-flus moghtija lilu kienet l-obbligazzjoni tieghu li ma jixtrix prodotti ta' ditti ohra, u din l-obbligazzjoni huwa wettaqha. Izda, din l-obbigazzjoni, il-konvenut kellu jibqa' jonora sakemm ikun skonta u hallas lura s-somma kollha lilu moghtija. La darba l-konvenut ma skontax is-somma kollha li huwa nghata, ifisser li hu ghadu fl-obbligu li jibqa' jixtri prodotti

tad-ditta attrici. Bhala fatt, pero`, huwa mhux f'posizzjoni li jaghmel dan (anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, jinghad li dak li gara meta gie zgumbrat ma kienx htija tieghu), u, ghalhekk, irid jirrifondi l-bilanc.

Jista' jkun, jekk il-Qorti ssib li l-konvenut, ma ghandu ebda htija ghal dak li gara, li l-konvenut ma jkunx responsabbli ghall-penali ta' Lm1,000, izda zgur li, taht ebda cirkostanza, ma jista' l-konvenut jibqa' jzomm il-bilanc tas-somma li kien inghata. Huwa kellu l-obbligu li jirrifondi s-somma *via discounts*; jekk ma jistax jaghmel dan, ghandu xorta wahda jirritorna l-bilanc, ghax, f'kull kaz, jibqa' obbligat li jirrifondi s-somma lilu moghtija. Is-somma ma nghatatx lill-konvenut bhala rigal, izda kellha tigi pacuta, kellha tigi skontata, u dan l-obbligu li johrog mill-ftehim ghandu, f'kull kaz, ikun imwettaq."

9. Din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa in parti fondat. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-konvenut appellat ghalaq in-negozju tieghu ghax kien zgumbrat mill-hanut wara proceduri gudizzjarji u ghalhekk biss ma jistax jinghad li kien in *mala fede*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili li jghid li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u li gie citat ukoll fis-sentenza appellata, jsib l-applikazzjon tieghu mhux biss fil-konfront tad-drittijiet tal-konvenut appellat izda wkoll fil-konfont ta' l-obbligazzjonijiet li huwa assuma fl-imsemmija skrittura tat-2 ta' Ottubru, 1992. Hemmhekk huwa ma assumiex biss l-obbligazzjoni li ma jixtrix certi prodotti li ma jkunux tas-socjeta` attrici, izda assuma wkoll l-obbligu li huwa sejjer jibqa' jixtri prodotti tas-socjeta` attrici sakemm jiskonta s-somma ta' elf lira li giet avanzata lilu mis-socjeta` attrici tramite l-imsemmija skrittura tat-2 ta' Ottubru, 1992. Gialadarba, il-konvenut ma baqax fil-posizzjoni li jonora din l-ahhar imsemmija obbligazzjoni tieghu jidher car li ma ghandux dritt li jibqa' jzomm is-somma ta' tmien mija u tlieta u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm863.82c) cioe` l-bilanc li fadallu jhallas fuq l-imsemmija somma ta' elf lira avanzata lilu. Ghalhekk din is-somma hija dovuta mill-konvenut appellat lis-socjeta` attrici appellanti.

10. Is-socjeta` attrici qeghda tippretendi li l-konvenut ghandu jhallasha wkoll is-somma ta’ elf lira (Lm1,000) bhala danni pre-likwidati skond l-imsemmija skrittura, ezattament skond il-kundizzjoni 7b taghha. Din il-pretensjoni tas-socjeta` attrici, pero`, ma tistax tintlaqa’. Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut naqas li jesegwixxi sewwa l-ftehim li kellu mas-socjeta` attrici mhux minhabba xi malafede da parti tieghu jew htija li tista’ tesponih ghad-danni u ghalhekk din it-talba ghad-danni pre-likwidati li qeghda tinsisti fuqha s-socjeta` appellanti, fil-fehma tal-Qorti, ma hijiex gustifikata.

11. Ghal dawn il-motivi, tilqa’ fis-sens premess l-appell tas-socjeta` attrici u ghalhekk, previa li tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa’ t-talbiet ta’ l-istess socjeta` attrici kontenuti fl-att tac-citazzjoni, limitatament ghas-somma ta’ tmien mija u tlieta u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm863.82c) dovuta mill-konvenut bhala bilanc li fadallu jhallas fuq is-somma lilu avanzata mis-socjeta` attrici skond l-imsemmija skrittura tat-2 ta’ Ottubru 1992 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici appellanti s-somma msemmija – bl-imghax legali dekorribbli mil-lum. L-ispejjez kollha tal-kawza kemm ta’ l-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------